MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 493/2005

**John Xuereb**

**vs**

**Stripe Productions Limited (C-31999)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Settembru, tas-sena 2005, li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta` konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundanata:

1. Illi thallas lill-attur is-somma totali ta' erbat elef mija u disa' u erbghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM4,149.36,0) in kwantu ghal elfejn hames mija u disgha u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM2,589.36,0), bhala somma bilancjali fuq

mizati ghal servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess mill-2003 sal-2004, kif jidher mir-rendikont hawn anness u mmarkat `Dok. A`, u ghar-rimanenti elf u hames mija u sittin Lira Maltin (LM1,560.00,0), rapprezentanti danni sofferti mill-attur u maghmula minn telf ta’ qliegh;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu tas-sena 2005, bis-socjeta’ konvenuta ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-5 ta’ Dicembru tas-sena 2005, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici mhux dovut stante illi s-servizz ma kienx tal-kwalita` pattwit kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa eccessiv;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat l-affidavit prodott;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fis-sajf tas-sena 2003 l-attur kien gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jaghmel xoghol konness ma l-iffilmjar u editjar ta' l-istess biex ix-xoghol jintuza fil-programm intitolat "It-Tieg" biex jixxandar fuq l-istazzjoni televiziv "Net Television" fl-iskeda minn Ottubru sa Dicembru tas-sena 2003;

2. Illi l-ftehim pattwit kien li l-attur kellu jiffilmja u jeditja tlettax (13)-il programm ghall-prezz ta' sitt mija u hamsin Lira Maltin (LM650.00,0), u l-V.A.T. ghal kull wahda minn dawn it-tlettax (13)-il puntata;

3. Illi effettivament dawn il-programmi gew iffilmjati u editjati mill-attur u gew murija fuq l-istazzjon fuq indikat;

4. Illi l-attur isostni li thallas l-ammont lilu kollu dovut f'dan ir-rigward;

5. Illi ghalkemm isostni li ghall-ewwel ma riedx ikun involut aktar f'dan il-progett, l-attur gie perswaz jaghmel l-istess ghat-tieni skeda, anzi ftiehem li jaghmel hekk ghall-sitta u ghoxrin (26) puntata bil-prezz izda, ta' hames mija u hamsin Lira Maltin (LM550.00,0), u l-V.A.T. ghal kull puntata;

6. Illi f'Marzu tas-sena 2004 l-attur kien informat li l-produtturi tal-programm kienu ser inaqqsu l-"*airtime"* konsiderevolment u ntalab jinformahom jekk kienx lest inaqqas il-pagament tieghu minn hames mija u hamsin Lira Maltin (LM550.00,0) ghal tlett mitt Lira Maltin (LM300.00,0) ghal kull puntata;

7. Illi peress li l-attur kien gia` rrifjuta diversi xogholijiet minhabba dan l-impenn, allura rrifjuta;

8. Illi f’nofs Marzu tas-sena 2004 l-attur twaqqaf mill-iffilmjar u mill-editjar tal-programm u anke intalab biex jirritorna l-filmijiet kollha li kien ha lis-socjeta` konvenuta;

9. Illi nonostante li l-attur kien gie hekk imwaqqaf il-programm “It-Tieg” xorta baqa’ jittella’ regolarment fuq l-istazzjon televiziv gia` ndikat;

10. Illi l-attur ma thallasx aktar tas-servizzi minnu rezi u ghad baqalu jithallas il-bilanc indikat fl-avviz promotur;

11. Illi kagun tal-mod kif l-attur gie trattat mis-socjeta` konvenuta isostni li hu sofra ukoll danni sostanzjali u dan ghaliex minhabba x-xoghol involut f’dan il-programm;

i. kien irrifjuta hafna xoghol;

ii. kien tilef l-introjtu dovut;

12. Illi ghaldaqstant kien kostrett jipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, l-posizzjoni kif sostenuta mis-socjeta` konvenuta tista’ tigi kompilata b’dan il-mod:

1. Illi s-socjeta` konvenuta kienet istruwiet lill-attur biex jahdmilha l-ewwel skeda ta’ programmi u fuqha ma kellha xejn x’tirrinprovera;

2. Illi meta l-istazzjon televiziv involut u s-socjeta` konvenuta raw is-success ta’ l-ewwel skeda, riedu jkomplu bil-programm u l-partijiet involuti regghu kkonsidraw l-ingagg taghhom u ftehemnu li jkomplu l-kollaborazzjoni taghhom – ghalkemm kif fuq indikat, b’numru aktar ta’ programmi izda b’anqas introjtu ghall-attur;

3. Illi pero` jirrizulta li t-tmexxija ta' "Net Television" thajret tintrometti ruhha, gerrxet lis-socjeta` konvenuta mill-kollaborazzjoni taghha ma' l-attur, eliminate lill-attur minn din il-kollaborazzjoni u intromettiet ruhha f'dan il-programm;

Ikkunsidrat:

Illi rizultat ta' din l-intromessjoni bruska ndikata l-attur mhux biss twaqqaf hesrem milli jkompli jespleta s-servizzi tieghu kif pattiwiti, talli ittehdulu l-filmati u dokumentarji gia` ppreparati minnu u ma thallasx ta' xoghlu;

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tad-dokumenti esebiti din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn tintrometti ruhha fil-kwantum komplessiv mitlub stante li hu essenzjalment accettabbli;

Illi wara kollox ghandu jkun pacifiku li *"pacta sunt servanda"* u l-ebda intromissjoni – b'sahhitha kemm hi b'sahhitha – qatt m'ghandha tithalla tissostitwixxi s-sovranita` ta' dritt li tirrikjedi li l-partijiet ghandhom ibaxxu rashom ghall-kondizzjonijiet minnhom liberament assunti;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet ta' l-attur u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` "Stripe Productions Limited" (C-31999), biex thallas lill-attur l-ammont ta' erbat elef, mija u disgha u erbghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (LM4,149.36,0), ekwivalenti ghall-disat elef, sitt mija u hamsa u sittin Ewro u erbghin centezmu (€9,665.40) kif imqassma fl-avviz promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' ittra ufficjali ta' Marzu tas-sena 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------